

Brussell, 30 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14610/25

FIN 1262
INST 339
PE-L 37

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett: Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 1/2025 fit-Taqsima VII -
Kumitat tar-Reġjuni - tal-baġit ġenerali għall-2025

- *Approvazzjoni*
 - *Approvazzjoni ta' ittra*
-

1. Fit-23 ta' Ottubru 2025, il-Kumitat tar-Reġjuni (KtR) ippreżenta lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 1/2025, f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju¹.
2. L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi trasferit mill-Partita 1 2 0 0 (*Remunerazzjoni u allowances*) ammont totali ta' EUR 661 109 lejn il-Partiti:
 - 2 1 0 0 (*Xiri, manutenzjoni ta' tagħmir u software, u xogħol relatat*) (EUR 14 889),
 - 2 1 0 2 (*Assistenza esterna għat-tħaddim, l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistemi ta' software*) (EUR 221 220),
 - 2 6 0 1 (*Mekkaniżmu ta' djalogu permanenti*) (EUR 205 000) u
 - 2 6 0 3 (*Kunsilliera tal-UE*) (EUR 220 000).

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/mt>).

3. Dawn ir-rinforzi huma meħtieġa sabiex jiġu ffinanzjati ħames proġetti konġunti tal-KtR-KESE relatati mal-IT u ħames proġetti relatati mal-komunikazzjoni.
4. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Ottubru 2025.
5. Wara l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet propost;
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX għal dan il-għan.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : Il-President tal-Kunsill
lil : President tal-Kumitat tar-Reġjuni
kopja : Il-President tal-Parlament Ewropew

Sinjur,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-23 ta' Settembru 2024¹, qed ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru /DEC 1/2025 fit-Taqsima VII - Kumitat tar-Reġjuni - tal-baġit ġenerali għall-2025.

(Formola ta' għeluq).

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/mt>).